# Il-Misteri tal-Passjoni li kellha l-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tar-Rabat, Għawdex u l-bejgħ tagħhom lill-imsieħba tal-*Via Crucis* tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament imwaqqfa fil-Parroċċa tan-Nadur

Kien nhar id-19 ta' April 1817, ftit wara li daqqu t-tokki li għajtu l-għabex, meta ġew mixgħula tliet xemgħat sabiex tingħad għad-dija tagħhom it-talba msejħa *La Salutazione Angelica.* Kien mixħut fi friexu fid-dar fejn kien joqgħod, fit-triq tal-*Gran Fontana*, ir-Reverendu Dun Pawl Attard, bin Ġużeppi, magħdur għall-aħħar imma f'sensieh. Dan il-qassis kien qed jistenna b'sabar ħaġa hekk ċerta ta' din id-dinja, li f'ħin jew ieħor kellha tgħaddi l-Mewt għalih u tieħdu għal magħha. B'ruħ imħejjija tajba; lest sabiex jibda' ħajja għall-aħjar, Dun Pawl sejjaħ għal qribu lin-Nutar Giovanni Cassar, fratell tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat, Għawdex u tal-Fratellanza tagħha l-Kanċillier, sabiex iħassar kull testment li sa dak il-ħin kien laħaq għamel u b'dik l-aħħar firma tiegħu huwa jiddisponi minn ġidu skont xewqietu.

Qabel ma beda juri ħsiebu, Dun Pawl irrikmanda ruħu lil Kbir Alla l-Għoli u Immortali, lil Ommu l-Imqaddsa Marija Verġni waqt li b'stennija ta' biżà fuqu ħaseb fil-ħaqq li kien riesaq għalih issa li rifes għatbet il-Qorti tas-sema kaħlan: *La Corte Celeste.* Huwa talab biex la jmut il-katavru tiegħu jiġi midfun fil-Knisja Matriċi u Insinji Kolleġġata tal-gżira ta' Għawdex, akkumpanjat mill-Kapitlu u l-Kleru tagħha. Huwa ried li jsirlu funeral xieraq, issirlu *requie* u quddiesa f'jum mewtu u fil-jiem ta' wara: fit-tieni *(secondo)*, fit-tielet *(terzo)*, fis-seba' jum *(settimo)*, għeluq xahar *(trigesimo)* u fl-anniversarju *(ed anniversario)* minn mewtu. F'dawn il-ġranet, l-eżekutriċi testamentarja tiegħu, qaribtu Orsla Vella, kellha tonfoqlu mal-mitt skut jew ftit aktar skont ma jidhrilha xieraq. Nhar jum id-difna hija kellha tordnalu l-kor tal-mużika tal-Knisja Matriċi, teħodlu ħsieb li jsirulu s-sigħat tal-agunija u tagħti b'tliet irtal xemgħa maħduma, lill-qassisin li jakkumpanjaw il-ġisem bla ħajja mid-dar tiegħu sal-knisja. Għaxar skuti, ħlas ta' darba, kellhom jitħallsu lill-qassis li jassistih fil-mewt.

Nhar jum id-difna, Dun Pawl ried li jitqassmu ħamsa u għoxrin skut lil dawk l-irġiel foqra li jimxu warajh u jgħidu b'suffraġju għal ruħu r-Rużarju Mqaddes. Dan it-tqassim tal-flus kien ukoll fi ħsieb l-eżekutriċi tiegħu, kif tqassam din dejjem l-aħjar. Dun Pawl ħalla b'titlu ta' legat lis-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm daqs għaxar skuti li kellhom jitħallsu lil Patri Kummissarju tat-*Terra Santa.* Huwa ħaseb iħalli b'*titolo di Ricognizione e per qualunque altro gius[patronato], tarì uno* lill-Gvernatur tal-gżira, *tarì* ieħor lill-Arċisqof u Isqof tad-Djoċesi, u daqstant ieħor lir-Reverendu Sinjur Arċipriet Kurat f'ħlas tal-*Communia* intaxxata fuq il-beni li kellu.



**"ECCE HOMO": 1752. L-eqdem misteru tal-Passjoni fil-Parroċċa tan-Nadur attribwit lil Saverio Laferla.**

Dun Pawl, li s-sema kien għanieh bil-ġid sa minn din l-art, issa li ħass il-Mewt kienet meddet għadamha qribu sa tgħannqu magħha għal dejjem u ssoff minnu l-aħħar nifsijiet tal-ħajja, ried li jinħall mill-maġmra ta' ġid li kebbes tul ħajtu. Għalhekk il-*Beni Stabili* li kellu, li kienu tawhomlu l-mejtin Giorgio u Katerina konjugi Vella, nannietu minn naħa ta' ommu, riedhom jinqasmu nofs fuq ħutu rġiel u nisa, waqt li n-nofs l-ieħor kellu jgħaddi fuq l-ulied tal-mejta Anna, mart il-mejjet Publio Gauci, zitu minn naħa ta' ommu. L-ulied tal-mejta Clara, mart Francesco Michallef (waħda mill-ulied ta' Anna), kellhom imisshom sehemhom daqslikieku Clara ommhom kienet għadha ħajja. Id-dar fejn kien joqgħod Dun Pawl, l-għalqa ta' maġenbha mifruda

b'sqaq, u l-lenza rabà magħrufa bħala l-'Ħabel tax-Xagħra tax-Xatba' fit-Triq tal-Għajn ma kellhiex tkun tagħhom. Minflok, Dun Pawl kitbilhom erba' mija u ħamsin skut f'*Capitale Bollale*. Din kienet somma flus imħaddma ma' xi ħadd, li kienet tirrendi l-imgħax skont ma jkun miftiehem f'kuntratt li bih tiġi mwaqqfa.

Il-Qassis ma xtaqx li t-testment tiegħu jisfa' għodda f'idejn tal-Infern. Għalhekk għamilha ċara, illi jekk xi ħadd mill-werrieta jippreżenta xi Att ġuridiku biex iqajjem l-inkwiet, dan kellu jitlef sehmu minnufih, u jgawdu minfloku l-eredi l-oħra.

Dun Pawl, fuq soddet mewtu, kellu dan il-ġid:

| **Proprjetà** | **Stmata fi Skuti** |
|---|---|
| *Un Terreno denominato ta' Dabrani obligato in scudi sette per suo censo perpetuo, che lo stima valere* | *2000* |
| *Altro Terreno demonimato di Hammar franco, e libero da ogni peco, che lo stima valere* | *2000* |
| *Altro Terreno detto Iscihari nella contrada della Gran Fontana obbligato in scudi otto tari sei e grani otto per suo censo perpetuo acquistato con titolo di compra da Bartolomeo Farrugia che lo stima valere* | *140* |
| *Altro Terreno detto Iscihari in contrada della Gran Fontana obbligato in scudi cinque per suo censo perpetuo acquistato con titolo di compra da Matteo Zammit, che lo stima valere* | *100* |
| *Altro Terreno con luogo di casa, e mandretta in esso detto Iscihari in contrada della Gran Fontana obbligato in scudi sedici pel suo censo acquistato con titolo di compra dagli Eredi di Giuseppe Galea, che lo stima valere* | *440* |
| *Altro terreno detto ta' Ghelmus obbligato in scudo, e grani dieci per suo censo perpetuo che lo stima valere* | *100* |
| *Il luogo di casa, e due mandrette piccole congionte poste nella strada della Gran Fontana che appena portano il censo di scudi quattro a cui sono soggetti* | ---- |
| *E finalmente li Capitali bollali applicati ed acquistati sin adesso ascendenti alla somma di scudi dieci mila, tre cento, e cinque, ò circa* | *10305* |
| ***Tutto l'asse è*** | ***15085*** |

Jiemu kienu magħduda. Issa li minġel il-mewt kien wasal biex jaħsdu, ħsiebu mar fuq it-tqassim ta' ġidu lil dawk li f'ħajtu kien jgħożż bil-bosta. Lilhom kellu jħalli t-tgawdija tas-servili, tal-bhejjem, tad-dehbijiet, il-fided u l-flus li kellu. Kien f'dan il-waqt li ftakar fir-ruħ ta' Katerina Vella, omm ommu li fi żmienha kienet tgħix miegħu, iddur bih, tlestilu bukkun u taħsillu ħwejġu. Kienet għamlet dan miegħu għal kważi erbgħin sena sħaħ. Dun Pawl kien jirrispettaha tant li kien nefaq mal-mitejn u ħamsin skut f'quddies u spejjeż fil-funeral tagħha. Il-Qassis tat-triq tal-Għajn il-Kbira, ried iħallas lil kulmin xehed opra ta' ħniena miegħu u ma' din nanntu.

## Dun Pawl jaħseb fil-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni

Fl-ewwel lok, Dun Pawl ħalla lil meqjum artal tal-Imqaddsa Verġni taħt it-titlu tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-Fratellanza tagħha mwaqqfa fil-Knisja ta' San Franġisk tal-gżira ta' Għawdex, somma flus f'*Capitale Bollale* ta' ħames mija u ħamsin skut. Dan il-Kapital kien dovut lilu mingħand il-werrieta tar-Reverendu Sinjur Dun Pawl Galea, bin Grazio. Il-Kapital kien ġie mwaqqaf nhar l-14 ta' Mejju 1807 fl-Atti tan-Nutar Michele Calleja minn dan Galea, fuq pleġġ solidali ta' Ġużeppi Bajada bin Tomaso, u Grazio Galea bin il-mejjet Michel'Ang. Mal-mewt ta' Dun Pawl Attard, il-Kapital kellu jgħaddi f'idejn il-Fratellanza, flimkien mal-imgħax li jkun laħaq ma tħallasx. Dun Pawl ried li mill-imgħax li jirrendi l-Kapital, il-Fratellanza tkompli tagħmel l-Eżerċizzi Spiritwali fil-jiem ta' qabel il-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Il-Kapital kellu jibqa' dejjem jiġi mħaddem sabiex minnu jidħlu l-flus li kellhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-Eżerċizzi. Danakollu b'suffraġju għal ruħu u għall-maħfra ta' ħtijietu.

## Dun Pawl jaħseb f'oħrajn

Dun Pawl, fi ftit kliem, ħalla dan il-ġid lill-bqija:

- Lill-artal tas-Santissmu Rużarju mwaqqaf fil-Knisja Matriċi u Insinji Kolleġġjata ta' Għawdex, ħallielu sitt mitt skut biex jitfakkru ħames anniversarji mill-mewt ta' Dun Pawl; mill-mewt tal-ġenituri tiegħu Ġużeppi u Roża, u mill-mewt ta' nannietu Giorgio u Katerina konjugi Vella. It-tifkiriet kellhom isiru bid-daqq tal-qanpiena sa minn lejlietha, bix-xegħil tat-torċi u bil-kant tal-*Libera*;
- Lil Knisja ta' San Ġorġ Martri ħallielha tliet mitt skut f'*Capitale Bollale.* Id-dħul kellu jinbidel f'elemożina b'suffraġju għal ruħu u t-tindif ta' ħtijietu;
- Lil Tumas Cardona bin Antonio, ħallielu d-dar u l-*mandretta* fir-rabà imsejjaħ "ix-Xagħri" (*Iscihari*) fil-kuntrada tal-*Gran Fontana,* talli dan għenu tul ħajtu. Kienu stmati erba' mija u erbgħin skut;
- Lil Antonio Cardona, bin il-mejjet Francesco, ħallielu żewġ Kapitali tal-Boll jiswew ħamsa u sebgħin skut li kienu mwaqqfa ma' Dun Pawl stess;
- Lix-xebba Katarina, bint Feliciano Vella, ħallielha biċċa mir-rabà tax-Xagħri fil-kuntrada tal-*Gran Fontana* jiswa mitt skut;
- Lis-Sinjur Nutar Michele Calleja ħallielu erba' mitt skut f'*Capitale Bollale*;
- Lill-aħwa Annunziata u Antonina, ulied Feliciano Vella, mitejn skut *Capitale Bollale;*
- Lil Suor Maria Galea, bint Pawlu, ħallielha mitt skut *Capitale Bollale;*
- Lil Carmelo bin Felice Vella, kitiblu mitt skut *Capitale Bollale;*
- Lill-ulied bniet ta' Mastru Francesco Gauci, messhom mitejn skut *Capitale Bollale;*
- Lil Natalizia mart Lorenzo Cutajar, bint Michele Vella, ħallielha b'wirt, *tummulo* mir-rabà ta' Għammar, liberu u frank, stmat erba' mitt skut, flimkien ma' mitt skut f'Kapital tal-Boll;
- Lill-Knisja tal-Imqaddsa Verġni taħt it-titlu tal-Annunzazzjoni li tinsab fil-ġnien tal-Lunzjata, ħasbilha għal mitt skut f'*Capitale Bollale*;
- Fl-aħħar, mitt skut *Capitale Bollale* kellhom imorru għal *Casa Santa* jew aħjar għall-Knisja ta' *San Calcedonio* li f'dak iż-żmien kienet għadha ġdida.



**Il-firma fit-testment ta' Dun Pawl Attard (l-aħħar firma)**

### Dun Pawl jaħseb qatigħ f'Orsla Vella

Dun Pawl ħalla ħafna ġid lil Orsla Vella, bint xebba ta' Mastru Michele Vella. Dan għaliex, huwa ried iroddilha lura għalkemm dina kienet għamlet miegħu tul ħajtu, u għalkemm Dun Pawl kien sab għajnuna f'ommha u l-familja tagħha. Imma l-aktar li ried ipattilha kien minħabba f'Katerina Vella (nanntu) li minn qalbha ħadet ħsiebu, sa għamlet hekk miegħu mingħajr fini ta' xejn u mingħajr ma talbitu qatt xejn. Għalhekk Dun Pawl mar iħalli lil Orsla dawn il-beni:

| Proprjetà | Stmata fi Skuti |
|---|---|
| Ir-rabà ta' Dabrani | 2000 |
| Ir-rabà ta' Għammar eskluż it-*tummolo* li ħalla lil Natalizia Cutajar. Għaxar skuti mid-dħul li kien jirrendi dan ir-rabà kellhom jitqaddsu f'quddies għal ruħu | 1200 |
| Id-dar u l-*mandretta* viċin dan il-lok, il-Ħabel ta' *Ishiharia* ta' *Sciatba*, b'għar iħares fuq il-ġnien tal-Lunzjata | 700 |
| Lok ta' djar b'żewġ *mandretti* żgħar fi triq tal-*Gran Fontana* u rabà magħruf bħala *Iscihari* fil-kontrada tal-*Gran Fontana* | 140 |
| *Capitale Bollale* ta' elf skut mingħand Giuseppe Pace bin Michele | 1000 |

Orsla kellha tieħu l-għamara, il-ħwejjeġ, il-bhejjem, l-offerti, il-maħluġ, il-karettuni, id-dehbijiet, u l-fided li kienu jinstabu nhar jum il-mewt tat-testatur, fid-dar fejn kien jgħix, u fid-dar fejn kienet toqgħod din Orsla ma' ommha. Iżda xi flus kellhom jitqassmu bejn l-eredi universali: ċertu Anna, armla ta' Antonio Grima; Alberto Attard; Maria Attard u Felice Attard; ħut Dun Pawl.

Dun Pawl talab lil Orsla biex tibqa' iddur bih bl-istess ħeġġa sa mewtu. Kien xieraq għalhekk li l-qassis jaħtarha biex tkunlu eżekutriċi testamentarja. Hu awtorizzaha biex la jmut, tieħu fil-pussess tagħha l-flus kollha li ssib fid-dar u tħallas bihom l-ispejjeż tal-funeral, *requie*, quddies, aguniji u legati mħollija fit-testment. Fi żmien sena, Orsla kellha tonfoq sitt mitt skut f'quddies lett u tagħti elemożina ta' irbgħajja aktar mis-soltu. Il-bqija tal-flus kellha tħaddimhom skont kif qalilha hu b'fommu. Dun Pawl iddikjara li fid-dar tiegħu, huwa kellu taħt rasu ma' elf skut u fuqhom. Orsla ġiet meħlusa milli tagħti inventarju tal-flus li tkun sabet u milli tagħti rendikont lill-werrieta. Jekk xi ħadd minnhom kellu jaqlagħlha l-inkwiet, it-testment kellu jinsieh. Orsla kellha timxi fuq il-pariri tan-Nutar Michele Calleja li tqabbad sabiex imexxiha.

It-testment sar fid-dar ta' Dun Pawl fi triq li tagħti għal *Gran Fontana*, fil-preżenza tas-Sinjuri: Don Michele Cini, bin il-mejjet Giuseppe; Michele Grima, bin Mastru Francesco; Calcedonio Speranza bin il-mejjet is-Sinjur Giuliano (il-Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata); Luigi Di Battista, bin il-mejjet Giuseppe; Giuseppe Cini, bin Francesco; Francesco Falson, bin il-mejjet Giuse u tal-Perillustri Sinjur u Duttur Fortunato Spiteri (fratell u ġieli wkoll Rettur tal-Fratellanza ta' San Kaloġeru mwaqqfa fil-Knisja ta' San Franġisk).[1]

Imma nistħajjel lil qarrej jistaqsi, x'għandu x'jaqsam it-testment ta' Dun Pawl mal-ġrajja tagħna?

### 16 ta' Ġunju 1817 - Imut Dun Pawl u l-Prokuratur Speranza jagħmel rikors il-Kurja

Dun Pawl ma tawwalx wisq, u mal-fjuri li fetħu u dbielu f'Ġunju tal-1817 kien diġà ħdejn il-Ħallieq. Fis-sewwa, huwa miet nhar is-16 ta' dak ix-xahar.[2] Il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni kienet taħseb tagħmel kors ta' Eżerċizzi Spiritwali fl-ottavarju ta' qabel il-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-Knisja ta' San Franġisk tar-Rabat Għawdex kien jintrema palk tal-injam jiżżarma, imżejjen b'faldrappa u tapit, sabiex minn fuqu ta' kull sena jitilgħu żewġ predikaturi, wieħed jagħmel il-*Meditazione*, u l-ieħor l-*Istruzione*. Bejn tal-wieħed u tal-ieħor, kienu jindaqqu il-litaniji fuq orgni jitħaddem b'minfaħ, waqt li l-fratelli kienu jisirqu l-ħin, iduru bil-predikatur tagħhom, jisquh inbid mgħolli moħliel biz-zokkor jew f'kesħa bħal dik li xxoqlok għadmek, kellhom għal-lest stanjata kafè. Jekk gostih ma kienet tagħtih għalxejn kienu mbagħad jaqgħu fuq xi ġarra ilma frisk. L-Eżerċizzi kienu jiġu fi tmiemhom bil-Barka Sagramentali u *Te Deum* fl-aħħar tat-tmien jum.

Il-Fratellanza kienet tonfoq ġidha fuq dawn l-Eżerċizzi għax biss biss il-predikaturi għamlu ħabta jitilqu b'għoxrin skut bejniethom; għaxar skuti kull wieħed. Dawn l-Eżerċizzi baqgħu jsiru sal-1814, meta mbagħad ġew sospiżi, bejn għax ma kienx hemm imwaqqfa fundazzjoni tajba għalihom għajr għall-Legat ta' Tommasica Vassallo (1804), bejn għax dan il-legat ma kienx ilaħħaq mal-ispejjeż u bejn minħabba l-inkwiet li qam mal-patrijiet. Lejn l-aħħar, l-Eżerċizzi kienu jiġu mħallsa mill-benefatturi, bħal Maria Gafà, in-neputija u l-eżekutriċi testamentarja ta' Dun Ġużepp Gafà. Hekk din Gafà, nhar is-7 ta' Diċembru 1811, insibuha li tagħat sittax-il skut u sitta rbgħajja lil Prokuratur Speranza sabiex dan iħallas lill-predikaturi li tqabbdu: *"Ho avuto da Maria Gafà benefattrice e sorella sedici scudi e sei tari per li due Padri Predicatori delli Esercizi dico [Scudi] 16, [Tari] 6."*[3] Il-predikaturi għall-eżerċizzi tal-1811 kienu Don Salvatore Pace u l-Gwardjan tal-Kapuċċini. Il-ħlas lilhom kien daqs id-dħul, ta' sittax il-skut u sitta rbgħajja.[4]

Nhar l-1 ta' Diċembru 1812, din Maria Gafà daqqitilhom tmintax-il skut għall-priedki: *"Dalla sorella Maria Gafà e benefattrice ho avuto dieci otto scudi per le prediche delli Esercizi dico [Scudi] 18."*[5] B'dawn il-flus, il-Prokuratur ħallas lil Patri Gio Luigi, Gwardjan tal-Kapuċċini u lill-Gwardjan tal-Kunvent Giuseppe Antonio Stivala. B'kollox dawn ħadu tmintax-il skut.[6] Fl-1 ta' Diċembru 1813, din

Gafà tagħathom għoxrin skut u sitta rbgħajja li kienu jinkludu t-tmien skuti li kien ħalla zijuha Dun Ġużepp Gafà. Il-flus ingħataw lil predikaturi Patri Lettur Salvatore Lanzon u lill-Vigarju tal-Patrijiet Kapuċċini ċertu Michel'Angelo. Għal ruħ Dun Ġużepp u l-fundaturi tal-Eżerċizzi saret Libra li swiet sitta rbgħajja.[7]

Fl-14 ta' Novembru 1814, Maria Gafà daħlilha f'moħħha li tħallas biss żewġ skuti u sitta rbgħajja. Il-Prokuratur kellu jiġbor it-tmien skuti tal-Libra għal ruħ Dun Ġużepp mingħand Michele Xuereb. B'ħniena kbira kien irnexxielu jgħaqqad għaxar skuti u sitta rbgħajja biex saru l-Eżerċizzi mill-Kanonku Dun Antonio Gafà u Patri Giuseppe Antonio Stivala. Imma il-flus ma servewx għax il-predikaturi ħadu għoxrin skut, waqt li l-Libra swiet sitt skuti.[8] Jerġa', Maria Gafà kellha tħaqqaqha bis-sħiħ mal-patrijiet u mal-Prokuratur Speranza għaliex dehrilha li magħhom, mal-eżerċizzi u l-ħlas ta' kull sena, hi ma riditx li jkollha x'taqsam aktar. Naqraw hekk fil-*Libro Introito (1811-1833)*:

*"Esatti per li Esercizi: Da Maria Gafà nostra Consorella dieci scudi e sei tari compresi li otto scudi riscosti da Michele Xuerep lasciati dal fù Sig[nor] Don Giuseppe Gafà per l'istesso effetto cioè per sussidio delli sud[dett]i esercizi, come pure la libera per l'anima sua, dico [Scudi] 10, [Tari] 6.*

*Avvertimento: Non avendo pagato li venti scudi soliti, la sudetta Maria Gafà, per una controversia insorta tra l'anzi detta e la Communità avendo preteso ciò che non gli appartiene."*[9]

Wara ħafna tiġbid ma' din Gafà il-Prokuratur ma tahiex b'mirbuħa, għax għallinqas kien irnexxielu jikkonvinċiha tagħti l-flus li kien ħalla zijuha Dun Ġuzepp, sabiex minflok



**L-Artal tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk, Rabat, Għawdex.**

jitqaddsu f'quddies kantat tul in-novena tal-Immakulata:

*"Esatti da Maria Gafà otto scudi altre volte solevano servire per sussidio delli Esercizi lasciati dal fù Sig[nor] Don Giuseppe Gafà suo zio, e furono convertite in tante messe cantate nella Novena Nostra Sig[no]ra Immaculata Concezione dico [Scudi] 8."*[10]

B'ħames skuti minn dawn il-flus saru sitt quddisiet kantati waqt l-ottavarju tal-Immakulata waqt li t-tliet skuti l-oħra ntefqu fuq ix-xemgħa.

*"Per sei messe cantate fatte infraottava dell'Immaculata per comissione di Maria Gafà com esecutrice di suo zio Don Giuseppe che solito impiegarsi in sussidio delli esercizzi cinque scudi e tre scudi per consumo di cera, in tutto otto scudi".*[11]

Kienet forsi din il-kwistjoni ma' Maria Gafà, waħda mir-raġunijiet li wasslu għall-waqfien tal-Eżerċizzi.

It-tħollija ta' Dun Pawl, kienet tassew barka li waqgħet mis-suttana ta' qassis f'ħinha u f'waqtha. Il-Prokuratur Speranza, serv umli tal-Eċċellenza Tiegħu, mar bilġri jdaħħal rikors il-Kurja, sabiex l-Isqof jagħtih il-barka li jkun jista' jaċċetta l-legat bil-għamar tas-sewwa. Ir-rikors iddaħħal nhar is-7 ta' Lulju 1817 u sat-23 ta' Lulju 1817 Speranza ingħatatlu l-barka veskovili li xtaq mill-palazz tal-Belt Valletta.[12]

## Patri Stivala, il-Gwardjan tal-Kunvent, joqloq

Imma bejn il-Gwardjan u l-Komunità tal-patrijiet fuq naħa u l-Prokuratur tal-Fratellanza min-naħa l-oħra, bħat-tlaqqigħ tas-sħab biered mas-sħun, leħħ il-beraq u karwat l-inkwiet. Minkejja li Speranza kien kuntent, għax bil-legat kien għamel rebħa favur il-Fratellanza, il-patrijiet dehrilhom li l-ħlas li kienu jirċievu għall-Eżerċizzi kellu jiżdied. Huma dehru ma jaqblux fuq tliet punti.

L-ewwel: ġaladarba t-taħbit għalihom kien sejjer jiżdied, huma stmaw li kien ħaqqhom jieħdu għaxar skuti kull sena. Imma mbagħad bidlu t-talba tagħhom għal sitt skuti fl-ewwel għaxar snin, u wara dan, għaxar skuti kull sena. Il-Prokuratur kien soltu jagħtihom sitt skuti għall-Eżerċizzi, imma l-patrijiet baqgħu jinsistu li wara l-għaxar sena huma jibdew jitħallsu għaxar skuti.

It-tieni: il-patrijiet ma riedu lil ħadd jakkwista xi dritt fuq il-ġbir tal-flus li kien isir fil-knisja tagħhom waqt l-Eżerċizzi.

It-tielet u l-aħħar punt: id-dritt tal-għażla tal-predikaturi. Il-patrijiet saħqu li dan id-dritt kien tagħhom u ta' ħadd aktar.

## Speranza jerġa' jirrikorri għand l-Isqof 20 ta' Novembru 1818

Il-Fratellanza, wara li ħasbet fil-fond fuq it-talbiet li għamlu l-patrijiet, ikkuntentat li tħallashom sitt skuti kull sena imma wegħdithom li żżidilhom il-ħlas, jekk kemm-il darba kellha togħla l-elemożina tal-Eżerċizzi u l-Fratellanza tistagħna b'aktar legati għal dan l-għan. Sabiex jirranġa, Speranza qabel li l-ġabra li semmejna kellhom jeħduha l-patrijiet, iżda fuq l-għażla tal-predikaturi ressaq proposta: li predikatur minnhom taħtru il-Komunità waqt li l-ieħor taħtru l-Fratellanza. Speranza kien inkwetat li dan in-nuqqas

ta' ftehim kien qiegħed ixekkel it-twaqqif tal-fundazzjoni. Ħammem wkoll fuq il-fatt li l-eredi tal-fundatur u l-eżekutriċi tiegħu kienu qed jiġru warajh sabiex il-legat jiġi mwettaq. Speranza semma kif l-istorja tal-Legat ta' Dun Pawl kienet qed tagħti skandlu lill-poplu, għax ma setax ikun li meta ma kienx hemm fundazzjonijiet, l-Eżerċizzi saru xorta waħda, u issa li nstabet waħda ma kien qed isir xejn. Il-Prokuratur ried bis-sħiħ li l-Eżerċizzi jibdew, għalhekk talab lill-Isqof biex jara jsibx tarf tal-kobba li issa kienet tħabblet sewwa.[13] Kien sar it-13 ta' Jannar 1819 sa ma' nqara r-rikors. Il-Pro-vigarju tal-Isqof, dlonk bagħat jgħarraf lil Gwardjan tal-Kunvent sabiex iwieġeb.

### Il-Gwardjan Patri Giuseppe Antonio Stivala jżomm iebes - 21 ta' Jannar 1819

Nhar il-21 ta' Jannar 1819, quddiem in-Nutar Michel' Angelo Gatt u x-xhieda tas-Sinjur Pietru Attard bin il-mejjet Feliċ, u ta' Salvadore Schembri, wild il-mejjet Mastru Paolo, it-tnejn Għawdxin, deher għan-naħa tal-Patrijiet Minuri Konventwali tal-gżira ta' Għawdex, Patri Giuseppe Antonio Schembri, Prokuratur tal-Kunvent, fuq ordni tar-Reverendu Patri Giuseppe Antonio Stivala. Il-Gwardjan Stivala ried jgħarraf lil kulħadd, li l-Komunità tiegħu ma kinitx sejra taċċetta l-proposta mressqa mill-Prokuratur Speranza għax din ma kinitx ta' gwadann għall-Kunvent, anzi kienet ta' xkiel.[14]

*"La predetta Communità, avendo con ogni maturezza esaminato la proposta accettazione, e le condizioni onde fù quella accompagnata rilevò, e conobbe che i progetti predetti poco, o niente erano lodevoli, anzi affatto disvantaggiosi che perciò era nel giusto dovere di non prestare il suo consenso per tale proposta accettazione."*[15]

Nhar is-26 ta' Jannar 1819, Salvadore Schembri, messaġġier tal-Qorti, ħa ħsieb jgħarraf lil Prokuratur Speranza u lil Orsla Vella bid-dikjarazzjoni u ħejjihom sabiex jiddeliberaw.

### It-tweġiba tal-Patrijiet Minuri Konventwali 12 ta' Frar 1819

Apparti d-dikjarazzjoni li saret quddiem in-Nutar Gatt, il-Gwardjan u l-patrijiet irribattew ir-rikors tal-Prokuratur Speranza, b'tweġiba oħra.[16] Fiha huma fissru kif it-talba tagħhom kienet tfisser biss żieda ta' erba' skuti wara li jgħaddu għaxar snin. Il-patrijiet riedu li l-għażla tal-predikaturi jagħmilha l-Gwardjan waħdu, aktar u aktar, meta l-Eżerċizzi kellhom isiru fil-knisja tiegħu. Huma saħqu li fil-knejjes kollha ta' Għawdex ma kienx jeżisti eżempju wieħed biss li jixhed il-kuntrarju. Tgħid kollox, l-istess fundatur tal-Eżerċizzi ma qalx li l-għażla kellu jagħmilha l-Prokuratur.

Il-patrijiet riedu li jieħdu d-dħul kollu mill-ġabra fil-knisja, minkejja li minnha ma kinux qed jistennew ħlief ftit irbgħajja. Il-*Libro Introito (1811-1833)* jgħarrafna kif fl-1811 il-Fratellanza kienet ġabret is-somma ta' skut u tlieta rbgħajja.

*"Ho avuto dalla raccolta della Chiesa fra li Esercizi, un scudo, e tre tari [Scudi] 1, [Tari] 3."*[17]

Fl-1812 kienet saret ġabra fl-aħħar jum tal-Eżerċizzi[18], waqt li fl-1813 il-ġabra kienet ta' skut, irbgħajja u disa' ħabbiet.[19] Imma fl-1814 il-poplu kien għadu magħfus wara l-pesta. Għalhekk il-ġabra laħqet biss ħdax-il irbiegħi u tnax-il ħabba.[20]

Fuq l-iskandu li kien qed jieħu l-poplu, il-patrijiet wieġbu li dan ma kien minnu xejn, għax in-nies kellha wisq aktar fuq x'hiex taħseb milli fuq il-biċċa tal-legat. Il-ġemgħa kienet qed tgħix fi gwaj kbir, dan minħabba ċ-ċirkustanzi kritiċi ta' dak iż-żmien: *"...questa trovasi abbastanza occupata ne propri guai per le critiche circostanze de tempi a poter pensar ad altro."* Skont huma, il-ġrajja kienet ġiet f'ilsien in-nies, kaġun ta' fratell ġelliedi li mar ilablab fuq id-diżgwid li kien hemm bejn il-Kunvent u l-Fratellanza.

### Purċissjoni bil-Misteri tal-Passjoni nhar Ħamis ix-Xirka

Fil-ħames lok, il-patrijiet raw li jħarsu sewwa d-drittijiet tagħhom u ma jinħolqux preċedenti ġodda bħalma kien ġara f'okkażjonijiet oħra qabel. L-għażla li kellhom jagħmlu kellha taffetwa l-ġejjieni. Lil Speranza kellmuh iebes u lill-Isqof għarrfuh hekk:

*"Forse Ecc[ellenza] R[everendissi]ma essa Communità tempo fà non aveva alle istanze de fratelli di essa Cong[regazio]ne loro accordato di poter fare le quarant'ore ne tre giorni festivi di Pasqua di Resurezzione, e pure queste non si fecero dagli istessi che per puochi anni, e poi con sorpresa della popolazione si sono lasciate, forse essa Communità non avea loro accordato di poter fare la processione nel giovedi Santo con i misteri della passione, e pure queste si fecero per alcuni anni, e poscia senza intesa di essa Communità hanno venduti li detti misteri alla Par[rochia]le Chiesa del Nadur, forse puochi anni sono l'istess Communità non avea loro accordato di poter fare nei giorni antecedenti alla festività dell' Immacolata Sig[nor]a gli Esercizi Spirituali in da chiesa, eppure da quattro anni a questa parte furono da essi tralasciati...."*[21]

### Li bil-Malti taqra xi ħaġa hekk:

"Jaqaw il-Komunità żmien ilu, Eċċellenza Reverendissima, ma kellhiex okkażjoni fejn ftehmet u qablet mal-fratelli ta' din il-Kongregazzjoni, li setgħu jagħmlu l-Kwaranturi fit-tlett ijiem festivi tal-Għid, u li dawn saru għal ftit snin, u issa b'għaġeb ta' kulħadd dawn telquhom? Jaqaw din il-Komunità ma kinitx qablet magħhom li jagħmlu purċissjoni nhar Ħamis ix-Xirka, bil-Misteri tal-Passjoni, u li dawn saru għal xi snin, u mingħajr ma din il-Komunità ġiet mgħarrfa, dawn qabdu u biegħu l-Misteri li kellhom lill-Parroċċa tan-Nadur? Jaqaw, snin ilu, din l-istess Komunità ma kinitx ħallietħom jagħmlu l-Eżerċizzi Spiritwali fil-ġranet ta' qabel il-festa tal-Immakulata f'din il-knisja, u dawn, minn erba' snin 'l hawn, m' għamlu xejn?"

Imma ejja nħallu t-tmasħin tal-patrijiet jibred, sa ma ngħaddu biex ngħidu kelma fuq dan li ntqal, naraw x'kien l-aħħar punt u kif fl-aħħar mill-aħħar spiċċat il-biċċa tal-legat ta' Dun Pawl tat-Triq tal-Għajn.

### L-Argument Aħħari

Fl-aħħar, il-patrijiet argumentaw li l-lukri mill-Legat ta' Dun Pawl kienu jlaħħqu tlieta u tletin skut. Sitt skuti oħra kienu jidħlu mill-Kapital ta' mitt skut imħolli minn Tommasica Vassallo (1804). B'kollox, kien hemm renta ta' disgħa u tletin skut. Minn dawn, għoxrin skut kienu jitħallsu lil

predikaturi u sitt skuti jingħataw lil Kunvent. Kellu jibqa' fuq ir-riħ, tlettax-il skut li kellhom iservu biex jinxtegħlu x-xemgħat waqt l-Intervall tal-Litaniji u l-Barka. Għalhekk, il-Fratellanza kellha jkollha flus biżżejjed biex tilqa' it-talba li saret. Jekk le, il-patrijiet ma ridux jafu aktar b'dik il-fundazzjoni.[22]

## It-Trattazzjoni

Waqt li kienu qed jittrattaw il-każ quddiem il-Pro-vigarju Mikelanġ Cassar, il-fratelli ressqu rendikont immarkat b'ittra A, li kien juri nfiq ta' erbgħin skut u sitta rbgħajja. Imma d-dħul ma' kienx biżżejjed u l-ispejjeż kienu kbar. Għalhekk instab li l-Fratellanza bilkemm kienet toħroġ meta tagħti sitt skuti lill-patrijiet, aħseb u ara kemm setgħet twiegħed li tagħtihom għaxar skuti.

*"...si deduce, che la richiesta della Communita di voler dopo dieci anni aumentata la ricognizione in altri [Scudi] 4 annui sia notabilmente pregiudizievole alla congregazione non essendo certa, che altri Devoti nel decorso di detti primi anni dieci farebbero altri legati ò lascitè per li detti Santi Esercizi."*[23]

Il-Fratellanza ma setgħetx tgħid jekk kinitx sejra tistagħna b'aktar legati u tħollijiet fis-snin ta' wara, għax il-futur min rah?

## Ir-Rendikont tal-Ispejjeż għall-Eżerċizzi Spiritwali

***Spese indispensabbili che occorrono farsi per li Santi Esercizzi Spirituali***[24]

| | Scudi | Tari | Grani |
|---|---|---|---|
| *Per Organista e figliolo del Mantice e due Cantori che si portano per cantare il te Deum nell' ultimo giorno in tutto due scudi e quattro tari* | 2 | 4 | - |
| *Fuoco ed incenso sei tari* | - | 6 | - |
| *Per mettere e levare il balco* | 1 | 6 | - |
| *Ricreazione alli Sig[no]ri Predicatori* | 1 | 6 | - |
| *Consumo di Cera nel decorso delli otto giorni otto scudi* | 8 | - | - |
| *Spese minute otto tari* | - | 8 | - |
| *Predicatori venti scudi* | 20 | - | - |
| *Ricreazione delli Padri del Convento di San Francesco sei scudi* | 6 | - | - |
| | **40** | **6** | - |

Ir-rendikont ġie eżaminat fid-dettall. Instab li l-ispejjeż kienu kollha minnhom. Jerġa' l-Fratellanza kienet nefqet sentejn interessi li immaturaw wara l-mewt ta' Dun Pawl, fuq affarijiet li ġiet bżonn.

Fuq l-għażla tal-predikaturi, il-Fratellanza argumentat kif fis-snin l-imgħoddija, il-predikaturi kienu jiġu ikkummissjonati mill-Prokuratur, mingħajr l-indħil tal-Komunità jew tal-Gwardjan. Il-Prokuratur kien jgħarraf l-ismijiet wara li jkun sejjaħ għall-pulptu. F'knejjes oħra fejn kien hemm obbligu bħal dan, il-predikaturi kienu jiġu magħżula mill-eżekutur nominat mill-fundatur. B'prova ta' dan ippreżentaw ix-xhieda f'żewġ dokumenti immarkati B u C.

## Ix-xhieda ta' Giovanni Agius Stellini 18 ta' Lulju 1819

Giovanni Agius Stellini stqarr, b'riżq il-verità, li bħala eredi tar-Reverendu Sinjur Kanonku Penitenzier Don Benedetto Stellini, il-fundatur tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu iċċelebrata fil-Knisja ta' Santu Wistin f'Għawdex, hu kien jaħtar ta' kull sena l-Paniġerista, mingħajr l-indħil tal-Pirjol. Hu kien biss jinfurmah bl-isem ta' min qabbad. Huwa xehed ukoll, li l-priedki tal-Kwindiċina tal-Assunta fil-Matriċi kien jagħtihom hekk ukoll, u wara li jkun qassamhom, jinforma lil Arċipriet bil-ħatriet li jkun għamel. Giovanni iffirma b'idu stess ix-xhieda tiegħu, nhar it-18 ta' Lulju 1819.[25]

### It-Talba tal-Eredi ta' Dun Pawl Attard 11 ta' Marzu 1819

Sadattant, l-irwiefen laħqu qamu kollha. Alberto, Felice, Maria Attard u Anna Attard Grima, eredi universali ta' ħuhom Dun Pawl, taw lis-Sur Calcedonio Speranza, żmien jumejn mill-11 ta' Marzu 1819, sabiex jgħaddilhom lura l-Kapital ta' ħames mija u ħamsin skut. Is-Sur Calcedonio intalab irodd il-lukri kollha li kienu immaturaw, għax il-Fratellanza mhux biss ma għamlitx l-Eżerċizzi, imma lanqas setgħet tagħmilhom minħabba li l-patrijiet ma ħallewhomx.[26] Kellhom jiktbilhom l-Avukat F. Pace.

## Il-Paċi ta' nhar is-26 ta' Awissu 1819

Bid-divrenzji li nqalgħu bejn il-Patrijiet u l-Fratellanza, ġie mgħarraf ir-Reverendu Patri Majjistru Fra Giuseppe Antonio Schembri, Kummissarju Ġenerali, waqt *Sacra Visita* li għamel fil-Kunvent. Dakinhar ferrgħu għommthom miegħu. Wara li wieżen kollox, Patri Schembri wassalhom jilħqu ftehim, li ġie iffirmat quddiem in-Nutar Michel'Angelo Gatt.

Għalhekk, nhar is-26 ta' Awissu 1819, fil-preżenza tan-Nutar Gatt, dehru il-Prokuratur Calcedonio Speranza bin il-mejjet Giuliano, in-Nutar Giovanni Cassar Kanċillier, u r-Rettur Publio Refalo bin Francesco, lkoll Għawdxin magħrufa. Huma dehru bħala deputati tal-Fratellanza tal-Immakulata imqabbdin b'deċiżjoni li ttieħdet f'Konsulta Ġenerali tal-fratelli li tlaqqgħet nhar l-24 ta' Awissu 1817. Qanpiena ġabret f'Kapitlu Konventwali lil Gwardjan Giuseppe Antonio Stivala, lil *Padre Maestro* Fra Michel'Angelo Axisa u lil Fra Giuseppe Antonio Schembri. Id-deputati ftehmu mal-patrijiet li kull nhar it-8 ta' Diċembru ta' kull sena, huma jagħtu lill-Prokuratur *pro tempore* tal-Kunvent sitt skuti mill-frott li kien iħalli l-Kapital ta' ħames mija u ħamsin skut. L-ewwel pagament kellu jsir nhar il-Festa tal-Immakulata li kienet tmiss, u hekk ikomplu ta' kull sena, sena wara sena, tul iż-żmien li fihom isiru l-Eżerċizzi. Iżda f'każ li jkun hemm żieda fl-elemożina, il-ħlas lill-patrijiet kellu jiżdied proporzjonalment sa ma tintlaħaq is-somma ta' għaxar skuti, imma mhux akar. Jekk l-Eżerċizzi ma jsirux, l-obbligu tal-ħlas tal-annwalità kellu jaqa'. Il-ġabra fil-knisja waqt l-Eżerċizzi kellhom jeħduha l-Patrijiet, mingħajr eċċezzjoni ta' xejn.

Il-Fratellanza kellha tibqa' tagħmel tajjeb għall-ispejjeż

tax-xemgħa, inċens, nar, daqq tal-orgni, infieħ tal-minfaħ, armar tal-palk u l-ispejjeż l-oħra meħtieġa. Il-predikaturi riedu jiġu magħżula; wieħed mill-Gwardjan *pro tempore* tal-Kunvent waqt li għall-ieħor, il-Prokuratur *pro tempore* tal-Fratellanza, ried jippreżenta nota lill-Gwardjan b'erba' suġġetti. Il-Gwardjan kellu d-dritt li jagħżel wieħed minnhom. Jibqa' dejjem ippreferut minn kull predikatur ieħor patri *pro tempore* tal-Kunvent. Jekk predikatur minnhom ikun patri reliġjuż, l-ieħor kellu jagħżlu l-Prokuratur.[27] Il-ftehim kellu jaqa', jekk kemm-il darba xi parti ma tħarsux.

Dan kollu seħħ fil-Kunvent tal-Patrijiet Minuri Konventwali f'Għawdex, fil-preżenza tax-xhieda; il-Perillustri u Wisq Reverendu Sinjur Kanonku Don Giuseppe Cassar u ta' Antonio Stivala bin Mastru Francesco.[28]

## Il-kawża ċeduta

Li ma kienx għall-Kummissarju Patri Schembri l-kwistjoni kienet ittul aktar fil-proċess, bl-ispejjeż jiżdiedu. Nhar id-9 ta' Settembru 1819, Speranza ħallielna nota tal-ispejjeż li kellu jħallas sa mal-patrijiet ċedew il-kawża:

*"Nota dalcune spese fatte nel processo Cancerale fatto con li frati fin a tanto che sè fatta la transazione come si vede per copia estratta dalli atti del Sig[nor] Notaro Michel'Angelo Gatt.*

*Per decreto letto nella Curia Vescovile in Malta citazione e copia della renuncia che hanno fatto li P: P: ed altro in tutto un scudo sei tari [Scudi] 1, [Tari] 6.*
*Più per fattura e copia della transazione fatta con li Reverendi Padri come costa dalla copia conservata unitamente con altri carte dico due scudi [Scudi] 2.*

*Più per relazione dalla Curia due scudi e quattro tari [Scudi] 2, [Tari] 4."*[29]

L-Eżerċizzi Spiritwali saru f'dik is-sena stess (1819). Imma l-Prokuratur ried li dawn jibqgħu mfakkra b'għaġeb, wisq aktar minn ta' qabilhom. Ġab għalhekk jippriedka lil Kappillan tan-Naxxar, waqt li żamm mal-ftehim, u l-predikatur l-ieħor kien l-istess Patri Baċillier u Gwardjan tal-Kunvent Fra Giuseppe Antonio Stivala. Dawn it-tnejn tħallsu għoxrin skut bejniethom. Imma, il-predikaturi kellhom jippriedkaw fuq palk li sar ġdid wara li ntlaħaq il-ftehim mal-patrijiet. Dan kien magħmul minn erbat itwavel, u serratizzi tal-injam ħoxnin li nxtraw mingħand ulied il-mejjet Nicola Bajada. Swew tnax-il skut. Il-palk inħadem b'seba' skuti u sitta rbgħajja. Erbgħa rbgħajja oħra intefqu fuq l-imsiemer.[30] B'tifkira dejjiema ta' dawk l-Eżerċizzi, il-predikaturi għalqu l-priedki tagħhom b'flixkun *rasoglio* u tnejn inbid abjad *di Marsala.*

Inħallu għalhekk lil dawn l-irġiel jieħdu b'idejn xulxin fil-kurituri tal-Kunvent u l-predikaturi jċekċku b'riżq il-għaqda l-ġdida, u naraw daqxejn jekk hux minnu li f'San Franġisk kinux isiru l-Kwaranturi fl-Għid, u jekk kienx hemm il-Misteri tal-Passjoni li bihom kienet issir purċissjoni nhar Ħamis ix-Xirka.

## Il-Kwaranturi f'San Franġisk jibdew fl-Għid il-Kbir

Il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Franġiskani Konventwali tal-Kunvent ta' Għawdex, ma qagħditx lura mill-qima lejn il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu ġewwa din il-gżira. Minkejja li forsi l-ħidma bikrija tagħha f'dan il-qasam ma tistax tingħad fis-sħuħija tagħha, dan għax ir-reġistri ta' qabel is-sena 1811 għadhom sallum mitlufa, dawk li fadal itarrfulna kif din il-Fratellanza kienet tagħmel il-Kwaranturi fit-tlett ijiem Imqaddsa tal-Għid.

Fil-*Libro Introito (1811-1833)* naqraw kif nhar it-22 ta' Marzu 1812, is-Sinjur Eduardo Busuttil wieżen idejn il-Prokuratur Speranza b'ħames skuti sabiex tinxtara x-xemgħa għall-wieħed mill-ġranet tat-Tridu tal-Kwaranturi: *"Piu' dal Sig[nor] Eduardo Busuttil qual benefattore per consumo di cera nel triduo di un giorno, cinque scudi [Scudi] 5."*[31] L-ispejjeż marbuta ma' dawn il-Kwaranturi tħallsu nhar il-31 ta' Marzu 1812. L-Għid kien ħabat nhar id-29 ta' Marzu 1812.[32] It-titlu fil-*Libro Esito (1811-1821)* jaqra: *"Spesa fatta pel triduo, o vero l'esposizione nelli tre giorni di Pasqua di Nostro Signore Resuscitato".*

Il-knisja kienet ġiet armata għall-Kwaranturi bit-tlibbis tat-tapizzerija mal-pilastri. Dan ix-xogħol wettqu Gabriello Xiberras li tħallas tiegħu erba' skuti; skut biex ġab it-tapizzerija minn knisja oħra u tliet skuti sabiex waħħalha f'postha. Is-Sagristan Mastru Benigno ħtieġlu jonfoq b'disgħa rbgħajja. Il-funzjonijiet fil-knisja kienu msebbħa bid-daqq tal-patrijiet, bil-kant tagħhom falsuburdun, li sewa skut u erbgħa rbgħajja. It-tliet priedki tat-Tridu qamu żewġ skuti u sitta rbgħajja. Ċertu Patri Lanzon ma riedx li jitħallas. B'kollox kienu tqaddsu sitt quddisiet letti, b'elemożina ta' tmienja rbgħajja 'l waħda. Inġabu wkoll idoqqu tat-tanbur u tal-fifra li ħadu tmienja rbgħajja.[33]

Nhar it-28 ta' April 1813, l-istess Sinjur Eduardo Busuttil, li kien Ġurat, tahom ħames skuti u tmienja rbgħajja b'ħlas għal sitt xemgħat li nxtegħlu quddiem is-Santissmu Sagrament, fil-jiem tat-Tridu: *"Esatti dal consumo di sei candele accese per comissione del Sig[nor] Giurato Eduardo Busuttil avanti il S[antissimo] S[agramento] nel Triduo, cinque scudi e otto tari [Scudi] 5, [Tari] 8."*[34]

L-Għid kien ħabat nhar it-18 ta' April 1813.[35] Il-Kwaranturi saru bis-sollennità li tixraq lill-Ħaruf t'Alla. Il-*Libro Esito (1811-1821)* taħt il-ġurnata tal-21 ta' April 1813 (tlett ijiem fuq l-Għid) jagħtina dan: *"Altra spesa che si e' fatta nel triduo di questo anno, o verò li quarant'ori, nelli tre giorni di Pasqua di Resurrezione per onorare Nostro Sig[no]re il Santissimo Sacramento Esposto... ".*[36]

Quddiem is-Sagrament tqaddsu ħames quddisiet letti, b'elemożina ta' tmienja rbgħajja 'l waħda. Il-predikaturi ħadu tliet skuti u disgħa rbgħajja. Il-quddies reġa' kien kantat falsuburdun. Il-kleru li ngħab jakkumpanja s-Santissmu Sagrament, tħallas skut u erbgħa rbgħajja: *"Al Clero per aver accompagnato al Santissimo Sacramento Nostro Sig[nore], un scudo e quattro tari [Scudo] 1, [Tari] 4."* Magħhom ingħaqdu xi ministri u assistenti li fuqhom intefqet is-somma ta' tmienja rbgħajja. Is-Sagristan Giuseppe Cini għamel b'erbgħa rbgħajja u għaxar ħabbiet spejjeż. Għall-knisja nkrew tnejn u għoxrin vers damask b'żewġ skuti u disa' ħabbiet. Il-Prokuratur Speranza jidher li ma ħax gost meta Gabriello Xiberras talbu tlieta rbgħajja aktar, sabiex idendillu t-tapizzerija. Reġgħu ġew idoqqu tat-tanbur u tal-fifra. L-Ajjutant Giuseppe Tabone ingħata rigal ta' sitta rbgħajja, talli dan ta salut bil-maskli.[37]

### Mill-Konsulti tal-Fratellanza ta' San Kaloġeru tar-Rabat Għawdex u tal-Arċikonfraternità tal-Immakulata tal-Belt Valletta

Huwa minnu għalhekk li l-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Għawdex, kienet tagħmel il-Kwaranturi fl-Għid, imma għal xi raġuni, dawn ma baqgħux isiru. Hija kienet tagħmel l-adorazzjoni, bħalma kienet tagħmel oħtha l-kbira, l-Arċikonfraternità tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Belt Valletta. Din kienet rabtet il-qima lil Ġesù Sagramentat għal erbgħin siegħa mal-Għid il-Kbir. Għal xi żmien l-Arċikonfraternità kienet tagħmel purċissjoni b'statwa tal-Irxoxt u tal-Immakulata Kunċizzjoni, sabiex tfakkar il-ferħ tal-Glorjuża Verġni Marija fil-Qawmien ta' Kristu mill-mewt.[38]

It-telf ta' għadd ta' dokumenti jħallina f'skiet kbir. Imma għal waqt wieħed, dan il-baħħ jinkiser bis-sħiħ meta wieħed jiftaħ il-Ktieb tal-Konsulti tal-Fratellanza ta' San Kaloġeru, li ħabb b'għarustu tul is-snin lis-susa li twaħħdet miegħu. Dan jgħidilna kif fit-tielet jum tal-Għid tas-sena 1804, il-Fratellanza tal-Immakulata kellha tagħmel purċissjoni, li għaliha ġew mistiedna jieħdu sehem il-fratelli ta' San Kaloġeru. Il-Kaloġerjani, il-professjonisti tal-gżira ta' Għawdex, kienu milquta mill-fatt li l-Fratellanza ta' Ġesù Marija mwaqqfa f'San Ġorġ, kienet qed tisħaq li tieħu l-anzjanità fuqhom. Il-każ seħħ meta il-fratelli ta' Ġesù Marija kienu dehru għall-ewwel darba fil-Matriċi ta' Għawdex sabiex jieħdu sehem fil-*Processione di Penitenza.*

Il-fratelli tal-Immakulata ħassew għal dawn sħabhom, għax


A 20 Febraro 1812 — Riporto
Olio per la Lampada tre rotoli sei [illegible] e quindici grana
A 5 Marzo 1812
Spesa fatta nelli Misteri cioè per accomodare Nostro Sig. Gesù Cristo morto del Monumento, nell'Orto, e nella Colonna [illegible] tali fatti e tre dalli fratelli della Confraternita del Santissimo Sacramento del Nadur con l'approvazione di due consulte generali fatte da nostri ministri ed un numero competente di fratelli sotto li 8 corrente Marzo 1812 al prezzo di 220 e coll'obligo di pagare la detta somma a [illegible] l'anno o vero a commodo del procuratore della sud.a Confraternita
[illegible]

**Libro Esito (1811–1821)**

jekk xejn huma kienu mwaqqfa fl-istess Knisja ta' San Franġisk, u jerġa' dawn xejn ma qablu mad-deċizjoni li kien ħa l-Pro-vigarju, li minkejja li kienet waħda tal-mument, tħalliet proprju għall-aħħar minuta. Dakinhar il-fratelli ta' San Kaloġeru kienu baqgħu sal-adorazzjoni b'rispett, imma mbagħad qabdu u żarmaw f'daqqa. Il-fratelli tal-Immakulata biex bħal donnu jderru ftit lil ta' San Kaloġeru, qabdu u bagħtulhom invit li bih stednuhom jieħdu sehem fil-purċissjoni li kellhom jagħmlu għeluq it-tlett ijiem mill-Għid il-Kbir. Nafu kif l-Għid kien ħabat nhar l-1 ta' April 1804.[39] Nhar it-2 ta' April 1804, in-Nunzju tal-Fratellanza ta' San Kaloġeru bagħat javża lill-fratelli tiegħu sabiex jinġabru lkoll fl-erbgħa ta' wara nofsinhar. Kienu hemm fil-ħin, u bi qbil mar-Rettur Dr. Ignazio Mizzi u l-Kanċillier, Dr. Isidoru Xuereb, il-fratelli iddeċidew li jaċċettaw l-istedina li saritilhom:

*"2 Aprile 1804*

*La Consulta Generale oggi tenuta ha deliberato che si debba accettare l'invito fatto dalli Signori Rettore, e Procuratore della Veneranda Congregazione di N[ostra] S[ignora] della Concezzione per la Processione che si deve fare domani dalla detta Congregazione, purche' non sarà preguidicata nei suoi diritti la n[os]tra Congregazione."*[40]

Għaxar snin wara, il-Kwaranturi tal-Għid ma kinux għadhom isiru. Minn dik is-sena 'l quddiem ma niltaqgħux mal-ispejjeż marbuta magħhom. Snin wara, fuq ħsieb tal-Prokuratur Speranza, il-Fratellanza bdiet tidħol għall-ispejjeż sabiex jintrema Sepulkru fil-Knisja ta' San Franġisk, ġieli fuq l-artal tagħha stess.

### Il-Misteri tal-Passjoni

Imma mit-tilwima fuq il-Legat ta' Dun Pawl, tibqa' issus warajna l-frażi: *"forse essa Communita non avea loro accordato di poter fare la processione nel giovedi Santo con i misteri della passione, e pure queste si fecero per alcuni anni, e poscia senza intesa di essa Communità hanno venduti li detti misteri alla Par[rochia]le Chiesa del Nadur".*

Mela, il-Fratellanza tal-Immakulata riedet ikollha x-xbiehat tal-Passjoni sabiex bihom tagħmel din il-purċissjoni. Il-*Libro Introito (1811-1833)* u l-*Libro Esito (1811-1821)* tal-Fratellanza jixhdu għal dan. Il-*Libri* jgħidulna kif il-fratelli tal-Immakulata kellhom tagħhom tliet xbiehat jirrappreżentaw il-Misteri tal-Passjoni, li kienu:

- **Kristu mejjet imqiegħed f'Urna tal-Monument,**
- **Kristu fl-Ort, u**
- **Kristu marbut ma' Kolonna.**

Fil-kawża fuq il-Legat ta' Dun Pawl Attard, il-patrijiet tal-Kunvent stqarrew li huma kienu ħallew lill-Fratellanza tal-Immakulata tagħmel purċissjoni b'dawn il-Misteri nhar Ħamis ix-Xirka. Huma qalu li din il-purċissjoni kienet saret għal xi snin, imma mbagħad il-fratelli kienu qabdu u biegħu l-Misteri lill-Parroċċa tan-Nadur.

Il-bejgħ tal-Misteri sar nhar it-8 ta' Marzu tal-1812, wara li l-fratelli tal-Immakulata żammew żewġ Konsulti Ġenerali, bl-aħħarija tkun dakinhar stess. Ir-raġuni li wasslet għal bejgħ donnha ser tibqa' mistura, għax il-Ktieb tal-Konsulti ma jinstabx.

## Il-Bejgħ tal-Misteri lill-Kumpanija tal-*Via Crucis* tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament imwaqqfa fil-Parroċċa tan-Nadur

Il-Misteri tal-Passjoni xtrathom il-Kumpanija tal-*Via Crucis* tal-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament imwaqqfa fil-Knisja tan-Nadur. In-negozju kien l-aktar fuq il-Monument, li kien magħmul minn *Cassa (kaxxa)* jew kif nafuha aħna, Urna, bil-korp ta' Kristu Mejjet u bit-tagħmir kollu tagħha. Iż-żewġ Misteri l-oħra, tal-Ort u tal-Kolonna, ingħataw miegħu. Il-lott kollu nbiegħ għall-prezz ta' mitejn u għoxrin skut, bil-patt li n-Nadurin jgħaddu l-ħlasijiet ta' kull sena, skont il-ġbir li kellu jagħmel il-Prokuratur inkarigat.

Imma forsi minn żewġ kelmiet li niżżel il-Prokuratur Speranza nsiru nafu kif il-Misteri kienu fi stat ħażin ħafna, kienu spiċċuti u mkissrin f'ħafna biċċiet: "*li tre predetti Misteri che l'erano infraciditi e rotti in vari pezzi*". Għalhekk qabel ma biegħuhom il-fratelli tal-Immakulata kellhom iħallsu biex dawn jiġu msewwija. Naqraw hekk fil-*Libro Esito (1811-1821)*:

*"5 Marzo 1812*
*Spesa fatta nelli Misteri cioè per accomodare Nostro Sig[nore] Gesù Cristo morto nel Monumento, nell'Orto, e nella Colonna, nell' occasione desserli riscattati tutti e tre dalli fratelli della Confraternità del Santissimo Sacramento del C[asale] Nadur, con l'approvazione di due consulte generali fatte da nostri Ministri ed un numero competente de fratelli, sotto li 8 corrente Marzo 1812 col prezzo di [Scudi] 220 e coll'obbligo di pagare la detta somma, a tanto l'anno o vero a commodo del procuratore della sud[detta] Confraternità."*[41]

Li bil-Malti taqra hekk:



**Patri Michel'Angelo Axisa**



**Libro Introito (1811–1833)**

*5 ta' Marzu 1812*
*Spejjeż magħmula fuq il-Misteri jew aħjar biex ġie imsewwi l-Monument bis-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu mejjet flimkien mal-Ort u tal-Kolonna, it-tlieta li huma ġew irriskattati mill-fratelli tal-Konfraternità tas-Santissmu Sagrament tar-raħal tan-Nadur, u dan bl-approvazzjoni mogħtija mit-tmexxija tagħna u minn numru tajjeb ta' fratelli waqt żewġ konsulti ġenerali li saru nhar it-8 ta' Marzu 1812, bil-prezz ta' mitejn u għoxrin skut, bil-patt li din is-somma titħallas tant fis-sena, jew aħjar skont kemm ikun jista' l-Prokuratur tal-Konfraternità li semmejna.*

Il-fratelli tal-Immakulata illapazzaw il-Misteri mill-aħjar li setgħu. Niltaqgħu għalhekk mal-ispejjeż li saru fuq il-kolla li swiet skut u sebgħa rbgħajja. Mastru Francesco Azzopardi tqabbad jagħtihom il-kulur mill-ġdid. Biex jaħdem, il-fratelli xtrawlu ż-żjut u l-kuluri: *colori alacca fina, cinabrio, berlino, bianchetto,* żejt tal-kittien, *olio di Noce ed altro.* Francesco tħallas tnax-il skut u karlin. Minn kif wieħed jifhem, il-Misteri kienu ta' daqs sewwa għax biex issewwew tqabbdu tlieta min-nies, damu tliet ġimgħat sħaħ jaħdmu fuqhom u minkejja kollox ta' xogħolhom ma riedu xejn: "*il lavoro di tre uomi per tre settimane gratis.*" Inxtaw l-imsiemer għall-pedestalli ta' taħt il-Misteri.

Nhar il-25 ta' Marzu 1812, in-Nadurin tal-*Via Crucis*, ħallsu l-ewwel pagament li kien jammonta għal għoxrin skut. Huma kienu immexxija minn Mastru Francesco Debrincat. Naqraw hekk:

"*Irċivejt mingħand Mastru Francesco Debrincat u sħabu tal-Kumpanija tal-Via Crucis tar-raħal tan-Nadur, is-somma ta' għoxrin skut imħallsa fuq kont ta' mitejn u għoxrin skut li dawn għandhom jagħtu lil Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni mwaqqfa fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri Konventwali ta' Għawdex; dan għar-riskatt li sar tal-Monument, bl-Urna u t-tagħmir kollu tagħha, li magħha*

*tajnihom b'xejn ukoll il-Misteri l'oħra ta' Sidna Ġesù Kristu Marbut ma' Kolonna u fl-Ort. Ingħid ukoll li l-imsemmi Debrincat u sħabu huma marbuta li jħallsu lil imsemmija Fratellanza u jgħaddu l-flus f'idejn il-Prokuratur tagħha, min ikun dakinhar, is-somma miftehma hawn fuq, u dan skont il-ġbir li dawn għandhom jagħmlu għal din il-ħaġa, ingħid [Scuti] 20."* [42]

Nhar id-19 ta' Lulju 1812, niltaqgħu ma' pagament ieħor li irċieva l-Prokuratur Calcedonio Speranza, li kien ta' għaxar skuti; fl-1 ta' Ottubru 1812 daħħal għoxrin skut oħra[43], u fil-25 ta' Ottubru 1813, ħmistax-il skut.[44] Il-pagament tal-25 ta' Ottubru 1813 kien għaddieh Antonio Cachia f'isem sħabu tal-*Via Crucis*. Jekk innizluhom wara xulxin biex naraw dehra tagħhom aħjar nindunaw li dawn kienu jammontaw biss għal ħamsa u sittin skut. Kif ġew imħallsa il-mija u ħamsa u ħamsin skut l-oħra ma għandniex miktub.

**Ħlasijiet li saru mill-Kumpanija tal-*Via Crucis* tan-Nadur lill-Prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni mwaqqfa fil-Knisja tal-Patrijiet Minuri Konventwali tar-Rabat, Għawdex**

| Jum | Dettall | Ammont Skuti |
|---|---|---|
| *25 Marzo 1812* | *Ho ricevuto da Mastro Francesco Debrincat e suoi compagni uniti dalla Compannia della Via Crucis del Casale Nadur la somma di venti scudi a conto dalli due cento e venti scudi dovuti alla Confraternita dell' Immaculata Concezione eretta nella Chiesa de Minori Conventuali del Gozo, per il riscatto fattogli del Monumento con tutta la Cassa e suoi utensoli come pure datigli gratis li altri Misteri di Nostro Sig[no]re Gesú Cristo nella Colonna e nell' Orto soggiungo inoltre che il precitato Debrincat, e suoi compagni se sono compromessi di pagare alla precitata Confraternita ed in Mano del procuratore pro tempore la sudetta somma a proporzione delle raccolte, o questue, che faranno per tal effetto* | 20 |
| *19 Luglio 1812* | *Esatti da Mastro Francesco e suoi compagni della Via Crucis del Casale Nadur a conto del Monumento altri dieci scudi* | 10 |
| *1 Ottobre 1812* | *Esatti da Mastro Francesco Debrincat Procuratore della Via Crucis del Nadur altri venti scudi a conto del debito retrodetto, dico, vedi f(foglio) a pagina, vedi foglio 9 a pagina 2a* | 20 |
| *25 Ottobre 1813* | *Monumento: Esatti d'Antonio Cachia e suoi compagni della Via Crucis del Nadur a conto di maggior somma dovuta dal Monumento quendici scudi dico* | 15 |
| | | **65** |

## Urna tal-Monument, xogħol Mastru Giuseppe Gambin

Il-*Libro Esito (1811-1821)* jagħti dettall siewi dwar Urna ta' Monument li kienet ġiet maħduma minn Mastru Giuseppe Gambin. Fl-1812, il-fratelli tal-Immakulata Kunċizzjoni kien għad fadlilhom iħallsu s-somma ta' sittin skut lil dan Gambin. Għalhekk, wara li daħħal xi ħaġa tal-flus mingħand il-fratelli tan-Nadur, nhar il-4 ta' Novembru 1812 il-Prokuratur Speranza mar u qata' għoxrin skut mid-dejn li kellha l-Fratellanza ma' Gambin.

*"Ho pagato a Mastro Giuseppe Gambin venti scudi a conto delli sessanta scudi che gli deve la congregazione per manifattura della pretisa cassa del Monumento di Nostro Sig[nore] Dico [Scudi] 20".* [45]

Fis-27 ta' Ottubru 1813 Mastru Giuseppe irċieva ħmistax-il skut oħra bejn kont.

## Il-Fdal ta' Żmienna

Wara tant żmien, fir-Rabat ta' Għawdex din il-biċċa tal-bejgħ tal-Misteri tal-Passjoni "ta' San Franġisk", intesiet għal kollox jekk forsi mhux sejra titwemmen hekk ħafif, issa li erġajna smajna ħbarha malli bexxaqna l-għatu ta' qabar il-fratelli u telgħet tagħwi l-karba tagħhom bħalma jagħwu l-klieb fis-satra tal-lejl. Imma fin-Nadur, minkejja li tal-Kolonna u tal-Ort għebu maż-żmien biex ma ssemmewx aktar, baqgħet ħajja Urna ta' Monument sa ma darba mietet mewta f'idejn is-sagristan ta' dan ir-raħal. Kienet għamlet festa minnha s-susa, u bejn l-irfiegħ u l-ġarr din tgħerriet u ġiet f'idejh.[46] Hemm ukoll min jgħid bil-bejgħ tagħha.[47] Fl-Urna kien jitqiegħed korp tal-kartapesta xbiehet Kristu Mejjet li nhar il-15 ta' April 1876 l-istatwarju Kalċidon Mangion kien irrestawra. L-għomor ta' kanonku jaf jirrakkonta kif l-Urna: *"kienet antika ħafna u fuqha kien hemm l-istemma tal-patrijiet Franġiskani Konventwali."* [48]

Kienet din id-daqxejn ta' arma, turi d-driegħ ta' San Franġisk u d-driegħ għeri ta' Kristu, miftuħin bħal imrewħa biex f'nofshom jidher salib, li żammet ħajja fl-istorja r-rabta li għandu jkun hemm mal-Franġiskani Konventwali. Din in-nisġa wieħed jilmaħha wkoll illum fil-Monument ġdid li sar wara, għax bħal donnu l-istorja ma riditx tifred il-Franġiskani minnha. Fin-nuqqas ta' reġistri fl-Arkivju Parrokkjali tal-Kolleġġjata tan-Nadur li żammew f'misteru l-ġrajja ta' dawn il-Misteri "ta' San Franġisk", kien drabi maħsub li din l-Urna ġiet akkwistata mingħand il-Franġiskani Konventwali tal-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt.[49] Dawn il-karti li qamu issa jgħarrfuna b'ġrajja li għaddiet minnha l-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni, imwaqqfa fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt ta' Għawdex.

Forsi, din l-istess ġrajja għandha mnejn tbexxaq bieb li jagħti lejn kamra oħra fl-istorja tal-kult lejn it-tbatija u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu fil-gżira ta' Għawdex. Wisq drabi kittieba waħħdu l-isem ta' Patri Michel'Angelo Axisa mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tar-Rabat ta' Għawdex.[50] Ismu ġieli tqies bħala dak li jista' jkun il-promotur ewlieni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li llum toħroġ minn San Ġorġ.[51] Dan li irrakkontajna jista' jqanqal ħtieġa għat-tfittxija ta' aktar dokumenti li jistgħu jixhdu għal x'kien jiġri f'dawk il-jiem ta' diqat għat-tbatija tal-Inkurunat bix-Xewk. Il-ġrajja tagħna laqqgħetna ma' Patri Axisa fi żmien meta l-fratelli tal-Immakulata biegħu l-Misteri tagħhom. Dan Axisa kien Belti, mgħammed fil-Parroċċa ta' San Pawl, fejn b'żagħżugħ ta'

sebgħa u għoxrin sena fl-1791, insibuh li kien diġà Gwardjan fil-Kunvent ta' Għawdex. Jekk tfittex taf terġa' ssibu Gwardjan fl-1808, fl-1815, fejn imbagħad għex ta' patri taħt il-Gwardjanat imqanqal ta' Patri Stivala; jerġa' jilħaq fl-1827 u mbagħad fl-1838.[52] Fl-1830 Axisa ġie iġġubilat fratell tal-Immakulata. Huwa għamel snin dehbija l-*Padre Spirituale* tagħha, sa ma' tilef id-dawl ta' għajnejh u miet fl-1847. Kien patri kbir fil-ġrajja tal-Kunvent ta' Għawdex.

## Il-Purċissjoni tal-Fratellanza ta' Ġesù Marija mwaqqfa fil-Knisja ta' San Ġorġ

Jiswa issa, jekk inqiegħdu l-ġrajja tagħna fil-kwadru li juri wħud mit-tifkiriet li għandna tal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat ta' Għawdex.

F'inventarju tal-beni tal-Fratellanza ta' Ġesù Marija mehmuż mal-Viżta Pastorali tal-Isqof Ferdinandu Mattei li twettqet f'San Ġorġ fl-1809 naqraw kif din il-Fratellanza kellha tagħha Urna ta' Monument mgħammra b'mitraħ u mħadda tad-damask, purtieri tal-mustaxija biċ-ċfuf u l-frenez tad-deheb, liżar irrakkmat, bil-pedistall għaliha u żewġ lasti. Il-fratelli ta' Ġesù Marija kellhom ukoll tliet pedistalli għall-istatwi tal-Passjoni, bil-lasti għalihom, u kaxxa għall-Kurċifiss li kienet imwaħħla ma' ħajt.

*"Una Cassa dorata del Monumento con materazzo e cuscino di damasco, portiere di mustascia con fiocchi, e frangia d'ora, un lenzuolo riccamato col suo pedestallo, e due aste.*

*Tre pedestalle colle loro aste per le statue della Passione. Una Cassa di legno pel Crocefisso attaccata al muro."*[53]

Mir-rendikont tal-infiq li kienet tagħmel ta' kull sena din il-Fratellanza, insiru nafu li fix-xahar ta' Marzu, kull nhar ta' Ġimgħa, il-Fratellanza ta' Ġesù Marija kienet tagħmel spejjeż tagħha l-priedki, u tonfoq biex jitkantaw il-*Miserere* u l-i*Stabat Mater* falsuburdun, b'tliet vuċijiet. Hija kienet tagħmel ukoll l-Eżerċiżżi Spiritwali li kienu jkunu kors ta' tmien priedki. Kienet imbagħad tkanta l-*Pangue Lingua* falsuburdun. L-inventarju jgħid hekk:

**Nelli Venerdi di Marzo si spende come siegue**[54]

| | Scudi | Tari | Grani |
|---|---|---|---|
| Falsobordone a tre voci nel Miserere e Stabat Mater in tutto | 4 | 4 | 10 |
| Prediche | 3 | - | - |
| | **7** | **4** | **10** |

**Negli otto giorni degli esercizi spirituali si spende**

| | Scudi | Tari | Grani |
|---|---|---|---|
| Prediche | 12 | - | - |
| Falsobordone nel Pangue Lingua | 7 | - | - |
| Incenso e fuoco | - | 8 | - |
| | **19** | **8** | **-** |

Il-Fratellanza ta' Ġesù Marija iżda kienet tagħmel il-purċissjoni tagħha nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Kienet tonfoq skut biex iġġib t-tamburlini, u kienet tara li jsiru ħames fervorini quddiem ħames knejjes. Ħmistax-il skut u għaxra rbgħajja kienu jintefqu fuq il-mużika. Ir-reffiegħa tal-istatwi kienu jitħallsu skut u erbgħa rbgħajja għall-ġarr. Kien jintefaq skut fuq t-tiżjin tal-Monument.

**Nella Processione del Venerdi Santo**

| | Scudi | Tari | Grani |
|---|---|---|---|
| Tamburri | 1 | - | - |
| Cinque fervorini in cinque chiese | 5 | - | - |
| Musica | 15 | 10 | - |
| Traspo[rto] delle Statue della Passione | 1 | 4 | - |
| Arrangiamento del monument | 1 | - | - |
| | **24** | **2** | **-** |

## Il-Purċissjoni msieħba mill-Fratellanza tad-Duluri mwaqqfa fil-Knisja ta' San Ġakbu

L-istatuti tal-Fratellanza tad-Duluri mwaqqfa mill-Isqof Labini fil-Knisja ta' San Ġakbu Appostlu fir-Rabat ta' Għawdex nhar il-11 ta' Frar 1788, jgħidu b'purċissjoni li kienet issir kull *Venerdi di Marzo* għat-tard, b'Misteru tal-Passjoni, waqt li fl-aħħar Ġimgħa kienet issir il-purċissjoni bl-istatwa tad-Duluri. Nhar il-*Giovedi Santo,* il-Ħamis ix-Xirka għat-tard filgħaxija, kienet issir purċissjoni, din id-darba bil-Misteri kollha tal-Passjoni. Il-fratelli tad-Duluri kellhom iżommu f'idejhom fanal mixgħul, b'wiċċhom mgħotti bil-barnuża. Kien hemm piena ta' skut għal min ma jieħux sehem fil-purċissjoni tal-Ħamis, waqt li fratell kien jeħel żewġ irbgħajja jekk ifalli purċissjoni tal-*Venerdi di Marzo.*

*"Cap 11: No: 5, In ogni Venerdi di Marzo verso il tardi si fara Processione con un Mistero della Passione, e nell' ultimo Venerdi colla Statua di Maria Addolorata: ed i Fratelli che mancheranno d'intervenirvi pagheranno tari due.*

*Capo 11: No: 1: Relazione No 5 Un altra processione si fara nel Giovedi Santo a sera al più tardi con tutti i Misteri della Passione: ed i Fratelli che non interveranno soggiaceranno alla pena d' un scudo in questa processione ogni Fratello portera un fanale illuminato."* [55]

L-Arċipriet tal-Matriċi Saver Cassar miet Rettur ta' din il-Fratellanza nhar is-16 ta' Diċembru 1805.[56] Fil-Matriċi tiegħu, illum Katidral, għadhom sallum jinqiemu erba' statwi tal-Passjoni: tal-Ort, tal-Kolonna, tal-Porpra u l-Imgħobbi flimkien ma' Kurċifiss antik, li qanqlu qima kbira tul is-snin, sa minn meta l-poplu kien jitfa' ħarstu lejhom u bihom jifhem il-priedki li kienu jsiru fil-ġimgħat imsawwma tar-Randan.[57]

## Għeluq

Wara dan kollu li għedna, l-istorja tal-Franġiskani Konventwali f'Għawdex għandha tgħodd f'ġrajjietha s-sehem li kellhom il-patrijiet tagħha fil-kult tal-Passjoni fil-gżira ta' Għawdex. Hija għandha tilmaħ f'uliedha magħquda fil-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni mwaqqfa fi ħdanha, fratelli li kellhom ix-xbiehat tal-Misteri tal-Passjoni u li fakkru l-ferħ tal-Għid bil-Kwaranturi Mqaddsa, bħalma għandha tħoss in-nikta ta' Patri Stivala, Axisa u Schembri li sogħbijhom bil-kbir meta din l-Fratellanza ma baqgħetx tagħmel dan.

Imma, din il-kamra tal-istorja fadal aktar x'jidher għad-dawl fiha għax jibqa' dokumenti x'jitqallbu biex wieħed jgħid kollox fuq il-ġamar li kibes f'Għawdex lejn it-tbatija u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Fiż-żgur imma, li lil Dun Pawl tat-triq tal-Għajn il-Kbira, il-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni sejra terġa' tibda tiftakar fih.

Anthony Farrugia
29 ta' Jannar 2013
350 sena wara t-twaqqif tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni, Rabat, Għawdex

## Referenzi

1 ANG, *Testamento Don Paolo Attard, Atti tan-Nutar Giovanni Cassar (19 ta' April 1817)*, Reġistru 24, Nutar 13, 952r - 962v.
2 NAG, GM 01 32, *Gozo Morti dal 1680 al 1880, Attard*, 32.
3 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 2r.
4 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 1r.
5 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 4r.
6 AEG, CO/4/145, *Libro Esito ( 1811-1821)*, 9v.
7 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 15v.
8 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 18v.
9 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 7v.
10 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 10r.
11 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 24v.
12 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 33r-33v.
13 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 26r-26v.
14 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 40r-40v.
15 ANG, *Atti tan-Nutar Michel'Angelo Gatt (1817-1821): Adi Venti uno Gennaro settima Indizione 1819*, Registru Numru 2, Nutar 51, 35r-35v.
16 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 27r.
17 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 2r.
18 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 4v.
19 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 6v.
20 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 8r.
21 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 38v.
22 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 38r-39r.
23 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 29r.
24 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 52r.
25 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 42r.
26 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 44r-44v.
27 ANG, *Atti tan-Nutar Michel'Angelo Gatt (1817-1821), Adi venti sei Agosto settima Indizione 1819*, 104r-105r.
28 AEG, CO/4/166, *Confraternità dell'Imm[acolata] Concezione : Diverse filze*, 50r-51r.
29 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 38r.
30 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 38v.
31 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 2v.
32 *Date of Easter (1583-2999)*, (misjub fl-internet) : http://www.maths.gla.ac.uk/~rjs/EasterDates.html [13 ta' Ġunju 2012]
33 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 5r.
34 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 5r.
35 *Pasqua 1813*, [misjub fl-internet] : http://calendar.zoznam.sk/easter-it.phtp?hy=1813 [13 ta' Ġunju 2012]
36 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 11v.
37 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 11v.
38 JOSEPH CALLEJA, *Devozzjoni u Kultura. Il-Ġrajja ta'l-Arċikonfraternità ta'l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja ta' San Franġisk, Valletta – Malta (1636-1999)*, Arċikonfraternità Immakulata Kunċizzjoni, Malta 1999, 50.
39 *List of Easter Sunday Dates (1800-1899)*, (misjub fl-internet) : http://tlarsen2.tripod.com/thomaslarsen/easterdates.html [13 ta' Ġunju 2012]
40 AEG, *Libro Consulte, Confraternity Saint Calogero, Rabat, San Franġisk*, Confraternitates, 59r.
41 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 4v.
42 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 3r.
43 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 4r.
44 AEG, CO/4/146b, *Libro Introito (1811-1833)*, 6r.
45 AEG, CO/4/145, *Libro Esito (1811-1821)*, 9r.
46 ĠUŻEPP CAUCHI, *Tagħrif bil-fomm, (22 ta' Jannar 2013)*
47 ALESSANDRU BONNICI, *In-Nadur. Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, II, Malta 1992, 223.
48 JOSEPH CAUCHI, *L-Istatwi tal-Purċissjoni tal-Passjoni fin-Nadur*, [misjub fl-internet] : http://www.june29th.com/kanonkupassjoni.htm [15 ta' Jannar 2011];
49 ALESSANDRU BONNICI, *In-Nadur. Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-Ħajja Soċjali ta' Għawdex*, II, Malta 1992, 223; *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira*/ Kap 16 In-Nadur, Publikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza, Pietà, Malta 1992, 195.
50 GODWIN VELLA, *St. George Gozo's Golden Basilica*/ Passio et Resurrectio - The Holy Week, Editjat minn Charles Cini Salezjani ta' Don Bosco, Nova Arti Grafiche s.r.l, Italja 2011, 115-118.
51 JOHN BEZZINA, *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, f'Malta u Għawdex*/ Kap 15 San Ġorġ, Publikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza, Pietà, Malta 1992, 182.
52 BONAVENTURA FIORINI, *I Francescani al Gozo*, Estratto da "Melita Historica", Vol 3, No 4, 1963.
53 Archivium Mater Dei, Floriana, AAM4604, *VP XLVII. Fra. Ferdinandus Mattei 1809*, 118v, (misjub fl-internet) : http://archives.maltadiocese.org/Archives/tabid/83/ProdID/381/VP_XLVII_Fra_Ferdinandus_Mattei_1809.aspx [26 ta' Jannar 2013]
54 Archivium Mater Dei, Floriana, AAM4604, *VP XLVII. Fra. Ferdinandus Mattei 1809*, 116v-117r, (misjub fl-internet) : http://archives.maltadiocese.org/Archives/tabid/83/ProdID/381/VP_XLVII_Fra_Ferdinandus_Mattei_1809.aspx [26 ta' Jannar 2013]
55 ASG, *Statuti Della Ven: Confraternità delli Dolori eretta nella Ven: Chiesa di S: Giacomo Apostolo Nell'Isola del Gozo (1788)*/ Delle Processioni, 44.
56 ASG, *Libro delle Consulte No 1 [Fratellanza tad-Duluri]*, 9.
57 JOSEPH BEZZINA, *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, f'Malta u Għawdex*/ Kap 19 Fil-Katidral, Publikazzjonijiet Indipendenza, Stamperija Indipendenza, Pietà, Malta 1992, 225-227.



**Andria**

**Cafetteria & Bar**








**Pjazza**
**San Pietru u San Pawl,**
**Nadur.**